# *Il-kappella ta' Santa Ċeċilja*











Jiena jisimni Matthew Zammit u f'din il-ħarġa tal-festa ser inkellimkom ftit fuq il-kappella ta' Santa Ċeċilja.

Din il-kappella ta' Santa Ċeċilja ma tistgħax ma tagħtix kasha. Taraha sew jekk tasal Għawdex bil-baħar kif ukoll tasal bil-ħelikopter. Jekk tasal b'dan l-aħħar mezz modern ta'transport int u nieżel Għawdex tgħaddi kważi kważi tmiss mas-saqaf tagħha. Din tinsab fi sqaq il-Merkant, illum magħrufa bħala trejqet il-ħeliport li meta tkun ħiereg mill- ħeliport din il-kappella taraha fuq il-lemin tiegħek. ħdejn din il-kappella jiddomina t-torri li jissejjaħ ta'Santa Ċeċilja li kien mibni fl-1613. Iżda dik il-kamra mhix għajr kappella ta' Santa Ċeċilja li hi l-eqdem kappella li għadha wiefqa f'Għawdex fl-istat oriġinli tagħha. Santa Ċeċilja hi qaddisa li qajla nafu dwarha.

Il-kult lejha beda f'Ruma fis-seklu ħamsa meta nbniet kappella f'gieħha. Il-kult inxtered bħall-leħħa ta' berqa iktar minħabba r-rakkont ta' tbatijiet kbar li minnhom għaddiet, rakkont li ġie msejjaħ "Il-Passjoni ta' Santa Ċeċilja". Fl-1613, il-kmandant tal-Artellerija tal-kavallieri ta'San Ġwann li kien jismu Bernardo Macedonja bena torri maġenb il-kappella. Minkejja li għaddew mijiet ta' snin, l-arma tiegħu għadha tiddomina sal-lum fuq il-bieb li jħares lejn in-nofsinhar. It-torri msejjaħ ta' Santa Ċilja minħabba l-kappella, għax Ċilja mhix għajr il-kelma proprja bil-Malti għal-Santa Ċeċilja.

Iktar 'il quddiem minħabba dan it-torri sar possibbli li jwasslu messaġġ min-nofsinhar ta' Għawdex sat-tramuntana tal-gżira fi ftit minuti. Din il-kappella dan l-aħħar ġiet maħruqa kompletament minn xi vandali u dan huwa att kbir ta' għajb u ta' mistħija. Għalhekk ejja nibżgħu għal-ambjent tagħna ħalli jkollna iżjed ambjent sabiħ.